**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**Rikors nru: 378/2021 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**AC**

**Il-Qorti rat ir-rikors ta' AB detentur tal-karta tal-identita' numerata 363560M datat 26 ta' Awwissu 2021, fejn** espona umilment:

1. Illi l-esponenti jiddikjara illi l-partijiet fil-kawza *de quo* iżżewgu nhar it-tmienja u għoxrin ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija, tnejn u tmenin [28.09.1982];

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ ulied li llum huma maġġorenni;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att pubbliku datat 31 ta' Jannar, 2013, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono (ara kuntratt anness u mmarkat Dok A);

4. Illi m' hemm l-ebda prospett raġionevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet *stante* illi issa ilhom diversi snin jgħixu ħajja independentement minn xulxin;

5. Illi l-partijiet m' għandhom l-ebda propjeta' in komuni;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:-

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Gimgha 19 ta' Novembru 2021, dehret l-intimata li mhux qed toggezzjona ghat-talba tad-divorzju.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**